Qort tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Seduta tal-Gimgha, 1 ta' April 2016.

Appell numru: 519/2012AE

**Direttur ghas-Servizzi Korporattivi fil-Ministeru ghall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni**

**Vs**

**Franks Garage Limited**

Permezz ta' rikors prezentat fil-5 ta' Dicembru 2015, id-Direttur ghas-Servizzi Korporattivi fil-Ministeru ghall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni (appellant) minn digriet li tat il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Kompetenza Inferjuri fit-23 ta' Gunju 2015 (fol. 60). B'dak id-digriet il-qorti cahdet it-talba tal-appellant[1] li biha talab lill-qorti sabiex *a tenur* tal-Artikolu 601(1) tal-Kap. 12 jordna li jittiehdu passi kontra Frank Refalo li skont l-appellant xehed il-falz meta nghata l-gurament kontemplat fl-Artikolu 2160 tal-Kodici Civili. L-appell gie pprezentat wara li b'rikors prezentat fit-30 ta' Gunju 2015 id-Direttur talab li *ai termini* tal-Artikolu 229(3) tal-Kap. 12 jigi awtorizzat jappella mid-digriet tat-23 ta' Gunju 2015. Sussegwentement, b'digriet tat-28 ta' Ottubru 2015, il-qorti laqghet it-talba tad-Direttur u awtorizzatu jappella mid-digriet.

Is-socjeta' appellata tat eccezzjoni preliminari li r-rikors hu null ghaliex gie pprezentat wara t-terminu kontemplat fl-Artikolu 229(6) tal-Kap. 12 li jipprovdi li appell minn digriet qabel is-sentenza defenittiva ghandu jsir fi zmien sitt (6) ijiem mid-data tad-digriet li jkun inqara bil-miftuh.

Ghall-fini ta' din l-eccezzjoni huma rilevanti dawn il fatti:-

i. Fit-28 ta' Ottubru 2015 inghata d-digriet li bih id-Direttur gie awtorizzat jappella. Digriet li nqara fil-miftuh.
ii. Fil-5 ta' Novembru 2015 gie pprezentat l-appell.

Minn dawn il-fatti hu evidenti li l-appell gie pprezentat wara t-terminu kontemplat fl-Artikolu 229(6) tal-Kap. 12.

**Ghal dawn il-motivi tiddikjara l-appell null u tordna li l-atti jintbaghtu quddiem l-ewwel qorti biex jissokta bis-smiegh tal-kaz.**

---

[1] Ara rikors prezentat fit-30 ta' Gunju 2015.

**Spejjez a karigu tal-appellant**.

(ft.) Anthony Ellul
Imhallef

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur